**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jonathan Ferris]**

**vs**

**Thomas John Woods**

**Kumpilazzjoni Numru: 919/10**

**Illum, 18 ta’ April, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Thomas John Woods detentur tal-karta tal-identita` numru 385387M.

Akkuzat talli:

> F’dawn il-Gzejjer, fid-9 ta’ Gunju 2007, u/jew fil-jiem u x-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, fil-kapacita` tieghu ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd;
>
> Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, fil-kapacita` tieghu ta’ ufficjal jew impjegat f’amministrazzjoni pubblika, jew impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu jew ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern ta’ stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skont il-ligi.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali datat is-sbatax (17) ta' Gunju 2011 li bih hass li ghandha tinstab htija that is-segwenti artikoli u cioe`:-

(1) Fl-Artikoli 18 u 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikoli 17, 18, 31, 23A, 23B, 119, 121 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament il-provi kollha migjuba u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta fuq l-imputat li kien persuna impjegata mal-Gvern u senjatament fis-Segretarjat tal-Ministeru tas-Sahha fejn huwa kien jiehu hsieb fost affarijiet ohra l-ilmenti tan-nies u l-kostitwenti. Fost affarijiet ohra, l-imputat

kien jiehu hsieb ukoll nies li kienu jridu jghaddu bord u kien jiggwidahom x'ghandhom jaghmlu billi jigbrilhom id-dokumenti u jghinhom jimluhom.

Illi mill-istqarrija tal-imputat hareg illi certa Saverin Sinagra kienet tibghat lin-nies lill-imputat fil-Ministeru sabiex jghinhom kif inghad l'hawn fuq izda huwa minn dejjem cahad illi huwa talab jew inghatalu xi flus minghand dawn il-persuni. Huwa jghid illi wara li jkun qeda lil xi persuna, forsi thoss li ghandha taghtih xi haga ta' apprezzament bhal xi fenek jew xi hut imma dan jghid illi huwa qatt ma talab xejn.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti semghet kif din il-kawza giet instigata minn ilment ta' Dr. Joe Cassar bhala psikjatra meta huwa kien issemma' f'ilment li kien sar minn certu John Camilleri li kien irid johrog bord u meta avvicina lil Saverin Sinagra hi kienet qaltlu illi hija kienet tkellem lill-imputat u ghal din Camilleri kellu jhallas is-somma ta' bejn sitt mija (600) u seba' mitt (700) Liri Maltin. Huwa ma riedx ihallas u hi qaltlu li mela kollox jieqaf hemm u hi ma kienitx lesta tghinu aktar.

Semghet kif l-Ispettur Ivan Cilia kien ha l-istqarrija ta' Saverin Sinagra fejn kienet ammettiet li kienet issaqsi dawn il-flejjes lin-nies li kienu jigu ghandha izda meta dawn in-nies kienu jaghtuha l-envelop wara li jkunu nqdew, din kienet tghaddih lil Thomas Woods u ma kienet izzomm xejn ghaliha.

Il-Qorti semghet ukoll ix-xhieda bil-gurament tal-istess **Saverin Sinagra** li wara li kienet ghaddiet proceduri kriminali fuq il-kaz u li gew decizi hija stqarret illi kien hemm bejn erba' u sitt darbiet illi hija ghaddiet dawn il-flus lil Thomas Woods fejn dan kien imur id-dar taghha iz-Zejtun sabiex jigborhom. Sinagra semmiet ukoll fost zewg persuni ohra, il-kaz ta' John Camilleri izda hi qalet li hu ried iwaqqaf l-applikazzjoni u ma tafx ghalxiex izda precedentement kienu ssemmew il-flus anke fil-kaz tieghu.

Ix-xhieda ta' **John Camilleri** tikkontrasta xi ftit ma' dik ta' Sinagra ghaliex filwaqt li kkonferma li din kienet qaltlu li l-flus kienu ghal Thomas Woods u ghal Dr. Joe Cassar sabiex jghinuh, wara li ma riedx ihallas flus u li mar jghid kollox lil Dr. Joe Cassar u li kien irriferih ghal Ministeru, dan kien kellmu habib tieghu Paul Catania u kien hadu ghand l-imputat fejn kien qallu li dan ma kienx jehodlu l-ebda flus. Meta mar ikellem lill-imputat dan skopra li xi hadd kien waqqaflu l-applikazzjoni hekk kif jidher minn dokument in atti u mmarkat Dok. AG6.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' **Paul Catania** li kkonferma dak kollu li qal John Camilleri u fejn spjega ukoll illi meta John Camilleri iffaccja lil Thomas Woods x'kienet qaltlu Sinagra fuqu u fuq it-talba tal-flus, skont ix-xhud l-imputat qabez u qal li huma m'humiex hemm biex jiehdu l-flus izda biex jghinu lin-nies.

Xehed ukoll **Joseph Mallia** illi kien xi daqsxejn konfuz ghaliex fix-xhieda quddiem din il-Qorti qal illi meta applika biex jghaddi bord tramite Saverin Sinagra, ma ntalab u ma hallas l-ebda flus, izda wara li gie dikjarat xhud ostili mill-prosekuzzjoni, giet esebita l-istqarrija tieghu qabel ma kienu ittiehdu proceduri kriminali kontrih fejn hu kien ammetta, u fejn dan kien qal li Saverin Sinagra kienet talbitu s-somma ta' erba mitt Liri Maltin (LM400) bhal ma kienet taghmel ma' kullhadd u din kienet qaltlu li kienu ghal Thomas Woods.

Joseph Demicoli u Mario Cachia ikkonfermaw ukoll is-sistema li kienet tuza' Saverin Sinagra li kienet titlob il-flus minghand in-nies u mbaghad tghidilhom sabiex imorru jiehdu l-karti kollha lil Thomas Woods il-Ministeru biex japplikalhom izda l-ebda wiehed mix-xhieda ma xehdu li l-imputat qatt talabhom personalment xi flus jew li kienu taw xi flus dirett lilu.

Finalment, il-Qorti semghet ix-xhieda ta' **Dr. Joseph Cassar** datata tnejn (2) ta' Lulju 2012 (fol 485) fejn xehed meta kien mar ghandu John Camilleri u kien qallu li Saverin Sinagra kienet talbitu xi flus biex jghaddi bord u x-xhud kien tah parir sabiex ma jhallas xejn imbaghad hu mar jaghmel rapport lil Ministru tas-Sigurta` Socjali Dolores Cristina. F'din ix-xhieda l-imputat Thomas Woods ma ssemmiex meta John Camilleri kien semmielu li ntalab flus minghand Sinagra.

Finalment il-Qorti kellha l-okkazjoni li tisma' xhieda tad-difiza fosthom lill-imputat Thomas Woods u xhieda ohra li kienu jahdmu mal-imputat fejn spjegaw u kkonfermaw dak li kien qal l-imputat dwar x'kien jikkonsisti x-xoghol taghhom, kif ukoll rigward nies ohra li kienu marru jinqdew mill-Ministeru u kwindi mill-imputat fejn anke huma kkonfermaw li dawn qatt ma ntalbu u l-anqas kienu ghaddew l-ebda flus jew vantaggi ohrajn lill-imputat. Fosthom kien hemm ukoll nies li fl-ahhar mill-ahhar l-applikazzjoni taghhom ma kienitx giet accettata.

Illi l-akkuzat Thomas Woods qed jigi addebitat ir-reat principali ta' korruzzjoni sancit taht l-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u subalternament taht l-Artikolu 112 li jirrigwardja ezazzjoni kontra l-ligi minn ufficjali pubblici. Jinghad li r-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku huwa reat li jmur lura sa zmien il-ligi Rumana. Il-Kodici Kriminali nostran jipproporzjona l-piena skond il-gravita` tar-reat f'kull kaz partikolari.

Dawn il-provedimenti jaqghu taht it-Titolu III intitolat **"Fuq id-delitti kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet Pubblici ohra".**

L-artikolu 115 jipprovdi illi:-

> ***"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, jitlob, jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd, jehel, meta jinsab hati......." .***

Similarment l-Artikolu 112 tal-Kodici Kriminali li jaqa' taht l-istess titolu tar-reat ta' korruzzjoni jghid hekk :

> « ***Kull uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, jesiġi dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż- żmien li jmiss skont il-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena. »***

Illi jinghad illi dan ir-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku huwa meqjus bhala wiehed gravi hafna, fil-fatt il-pieni stabbiliti ghal dan ir-reat zdiedu wkoll u dan ghaliex huwa importanti li jigi salvagwardat l-integrita` ta' individwi li jahdmu fid-dipartimenti tal-Gvern. Minkejja dan il-gravita` tar-reat u konsegwentement il-piena wkoll tvarja. Fil-fatt l-Artikolu 115 jkompli jipprovdi li:-

> ***(a) "jekk l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew tal-offerta, ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa tliet snin;***
>
> ***(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jonqos li jaghmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jaghmel, ghall-fatt biss li jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, il-piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa hames snin;***
>
> ***(c) jekk, barra milli jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, l-ufficjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn sena sa tmien snin".***

Fi kliem il-**<u>Professur Mamo</u>** *(Notes on Criminal Law (revised edition 1954-55 Professor A.J. Mamo, pagna 84)*:

> ***"this crime subsists at any rate in it simple form, irrespective of the inherent justice or injustice of the act which the reward was intended to induce the public officer to do. The Justice or injustice of what the public officer does or engages to do in view of the reward or promise or offer or reward, is not an essential ingredient of the crime but only serves as a criterion to distinguish one form of the crime from another for the purpose of punishment."***

Din id-distinzjoni harget fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri, Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci u Paul Galea** *(Qorti ta l-Appell Kriminali; 25 ta' Lulju 1986)* fejn inghad is-segwenti:

> ***"In propositu huwa rilevanti hafna l-Artikolu 114 (illum 115) stante li dan jistabilixxi diversi gradi ta' piena bazata fuq kriterji relattivi ghall-iskop u l-effetti tal-att kostitwenti l-korruzzjoni, fis-sens li l-ligi tiddistingwi principlament bejn il-kaz fejn l-iskop tar-rigal ikun sabiex l-ufficcjal jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel; u l-kaz fejn l-iskop ikun sabiex ma jaghmilx dak li hu fid-dmiru – fit-tieni kaz, jekk l-ufficjal 'fil-fatt' jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel."***

Fil-kaz appena citat, il-Qorti riteniet li:

> ***".... u huwa immaterjali - ghal finijiiet tar-responsabilita' li nonostante dan il-vantagg l-impjegat xorta wahda ghamel dmiru. Ghax ir-reat odjern almenu fil-limiti tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 114 (illum 115(b)) huwa kkonsmat mal-accettazzjoni tal-offerta u mhux mal-effett ta' din fuq l-ezercizzju tal-funzjonijiet tal-impjegat."***

Fil-fatt id-diskussjoni dwar il-piena ghar-reat ta' korruzzjoni tista' tigi sommata fi kliem tas-sentenza kif moghtija mill-istess Qorti:-

> ***"L-iskop u effikacja tal-korruzzjoni huma fatturi rilevanti ghal quantum tal-piena, u mhux ghall-ezistenza o meno tar-responsabilita' kriminali. Il-ligi hija cara; 'kul ufficcjal.... li jircievi jew jaccetta jikkommetti dan ir-reat."***

L-elementi huma deskritti f'diversi sentenzi fosthom fis-sentenza **il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et.** fejn gew deskritti bis-segwenti manjiera:

1. Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku;

2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta' ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd;

3. L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu;

4. Ghal fini li l-impjegat jew ufficjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.

Illi dawn l-erba' elementi jridu jikkonkorru kollha fl-istess hin sabiex jista' jinghad li r-reat gie pruvat.

Illi l-hati jrid ikun ufficjal jew impjegat pubbliku. Dan hu l-ewwel element essenzjali ghall-ezistenza ta' dan ir-reat. Il-kliem tal-ligi huwa wiesa' u jinkludi fih kull ufficcjal u mpjegat tal-Gvern. Ghalhekk l-ewwel haga li l-Qorti trid tezamina hux jekk l-imputat hux ufficjal jew impjegat pubbliku. Per ezempju fis-sentenza **l-Pulizija vs Joseph Buhagiar et** *(Qorti ta l-Appell Kriminali; 9 ta' Lulju 1982)* il-Qorti rriteniet li :

> ***“ ...jirrizulta mill-provi li l-imputati George Vassallo u Carmelo Mifsud huma impjegati tal-Gvern u t-tnejn jaqghu taht id-definizzjoni ta’ impjegat pubbliku..”.***

Fis-sentenza gja citata **<u>l-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri</u>** il-Qorti riteniet li:

> ***“l-ewwel ingredjent huwa relattiv ghan-natura ossia ufficcju tal-persuna li tkun accetta r-rigal. Il-ligi espressament tirrikjedi li din il-persuna tkun ufficcjal pubbliku jew impjegat pubbliku, u ghalhekk huwa eskluz kull min ma jkollux din il-vesti – salv dak li ser jinghad aktar il-quddiem. Ir-raguni ta’ dan l-ingredjent jinsab fir-ratione legis li hija dik li tipprotegi l-interess tas-socjeta’....”*** .

Illi f’dan il-kaz m’hemmx dubju li l-imputat kien fil-fatt ufficcjal pubbliku meta gie lilu addebitat ir-reat u dan skond xhieda ta’ Mario Pace datata tmienja u ghoxrin (28) ta’ Marzu 2011 li xehed a rigward il-kariga tal-imputat meta kien jahdem fis-segretarjat tal-Ministeru tas-Sahha fis-sena 2007 u ghalhekk l-ewwel element jinsab ippruvat.

Illi t-tieni element huwa l-accettazzjoni ghall-imputat jew ghal haddiehor ta’ renumerazzjoni jew promessa jew offerta ta’ renumerazzjoni li mhix dovuta lilu b’ligi. Huwa essenzjali li l-korruzzjoni ghandha tiehu l-forma ta’ accettazzjoni ta’ xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor irrispettivament mill-valur jew sura taghha. Hafna drabi l-korruzzjoni kienet tikkonsisti f’accettazzjoni ta’ kunsiderazzjonijiet ta’ valur pero` l-accettazzjoni ta’ weghda hija bizzejjed. M’hemmx ghalfejn li l-valur jigi

kwantifikat. Hanwhekk ghal darb'ohra ssir referenza ghas-sentenza fuq citata u cioe` **il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri** fejn inghad li:-

> ***"It-tieni estrem tar-reat odjern jirrikjedi li l-impjegat pubbliku ikun ircieva jew accetta xi rigal jew vantagg jew utilita. F'dan ir-rigward, Il-Qorti tosserva li l-lokuzzjoni adoperata mil-ligi hija tali li tirrikjedi fiha kull haga li tista' tkun ta' vantagg ghal persuna li tkun giet korrotta, u ghalhekk mhux necessarju li dan il-vantagg ikun jikkonsisti fi flus. Dak li hu essenzjali hu li loggett ikun ta' beneficcju ghalih, ghax f'dan il-kaz hemm l-inkoraggjament f'din il-persuna li titradixxi l-fiducja moghtija lilha mis-socjeta' billi tkun qieghda taghmel ghal vantagg taghha dak li suppost qed taghmel minghajr hlas." .***

Importanti ghal dan il-kaz jigi stabbilit jekk hemmx bzonn li l-weghda jew rigal ghandux isir personalment jew jistax isir tramite intermedjarju. Jinghad li attwalment jirrizulta minn kliem il-ligi stess li mhux necessarju li r-rigal weghda jew offerta jsir lejn l-ufficjal pubbliku personalment jew li tigi accettata personalment minnu. Jekk l-ufficjal pubbliku agixxa tramite intermedjajru r-reat jissustixxi xorta. Basta pero` l-intermedjarju jkun agixxa bil-kunsens tal- ufficjal pubbliku. Lanqas ma taghmel xi differenza jekk il-vantagg kien ser isir a beneficcju tal-ufficjal pubbliku jew ta' xi terza persuna, purche` l-ufficjal pubbliku kien jaf x'kien ghaddej.

Il-Qorti fis-sentenza **Il-Pulizija v. Victor Busuttil Naudi** *(Qorti tal-Appell; 11 ta' Jannar 1950)* qalet is-segwenti:-

> ***"...biex wiehed jaghmel id-delitt kontemplat fl-artikolu 118 (2) illum 120 (2) tal-kodici kriminali huwa mehtieg li l-offerta li biha jittanta l-ufficjal pubbliku, jaghmilha jekk mhux direttament ghall-inqas indirettament lill-ufficcjal pubbliku. Biex jinghad li l-offerta saret***

> ***indirettament lill-ufficjal pubbliku jehtieg li dina tkun intiza biex tasal ghandu u biex huwa jsir jaf biha, izda minghajr ma hu mehtieg li l-vantagg jew utili offert ikun intiz personalment ghalih. Jekk l-offerta issir lil terza persuna ghall-vantagg esklussiv taghha, minghajr il-hsieb jew il-prospettiva li l-offerta titwassal ghal konjizzjoni tal-ufficcjal pubbliku, u bil-hsieb li dik it-terza persuna tuza l-influwenza taghha personali fuq l-ufficcjal pubbliku b'xi rakkomandazzjonijiet jista jinghad li saret offerta ta' xiri – 'bribe' – ta' dik it-terza persuna, izda mhux ta' l-ufficcjal pubbliku. U tabilhaqq skop talofferta huwa l-korruzzjoni permezz taghha ta' l-ufficjal pubbliku u ma jistax ikun hemm korruzzjoni jew perikolu ta' korruzzjoni jekk bl-offerta l-ufficcjal ma jkunx jaf."***

Ghalhekk sabiex jissusisti r-reat, l-offerta trid tkun intiza sabiex tasal ghal ufficcjal pubbliku u l-ufficjal pubbliku irid ikun jaf dwarha. Illi huwa appuntu dak li gara f'dan il-kaz, Saverin Sinagra kienet tghid lil klijenti taghha illi hija tghinhom dment li huma jhallsu l-flus u li dawn il-flus kienu intizi ghall-imputat izda ma ngabet l-ebda prova ta' xi tip ta' kolluzjoni jew arrangament li kellha Sinagra mal-imputat. Wisq anqas ma hareg xejn mix-xhieda taghha li kienet xhud importanti ghal prosekuzzjoni sabiex turi kif waslu ghal dan l-arrangament. Bir-rispett kollu il-Qorti ma tistax temmen il-verzjoni ta' Sinagra meta tghid illi hija ma kienet tiehu xejn minn dawk il-flus u kienet tghaddi kollox go envelop lill-imputat. Hadd ma jaghmel xejn ghal xejn! Ix-xhieda taghha ma taghmilx sens meta anke tara x-xhieda kollha prodotti sija mill-prosekuzzjoni u anke mid-difiza meta l-anqas wiehed minnhom ma tefa' xi teba fil-konfront tal-imputat u dan specjalment meta huma kienu jmorru ghand l-imputat fil-Ministeru jaghtuh id-dokumenti mehtiega u fejn hu kien jiddiregihom x'ghandhom jaghmlu u jinfurmhom b'dak kollu li kien jigi deciz.

Hija l-fehma tal-Qorti illi Saverin Sinagra kienet fil-fatt titlob il-flus lill-klijenti taghha u tghidilhom li dawk il-flus kienu ghall-imputat, izda effettivament dawk il-flus kienet izzommhom hi u mal-imputat qatt ma kellha l-ebda tip ta' arrangament.

It-tielet element kontemplat fir-reat skond l-Artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hi dik li l-accettazjoni tar-renumerazjoni jew il-weghda jew l-offerta hi maghmula mil-ufficjal pubbliku in konnessjoni mal-ufficju tieghu jew l-impjieg tieghu. Dan ifisser li dan kollu ghandu jaqa' fil-parametri tal-funzjonijiet tieghu. Ghalhekk jekk l-att m'ghandux x'jaqsam mal-funzjonijiet tieghu ta' ufficjal pubbliku u cioe` li m'ghandux dritt jaghmel dak l-att skond l-impjieg tieghu xorta jibqa' att ta' ufficjal pubbliku pero` mhux wiehed li jaqa' fil-parametri ta' dan ir-reat. Trid tkun haga li fuqha l-ufficjal pubbliku ghandu kontroll immedjat jew fir-rigward ta' haga li hu biss jista' jaghmel. Ghalhekk ma jimpurtax jekk tali haga taqax tahtu direttament taht il- kompetenza tieghu jew jekk taqax taht il-funzjonijiet li talvolta jista' jiddelega.

Fis-sentenza gja citata **<u>il-Pulizja vs Lawrence sive Lorry Cuschieri</u>** il-Qorti rriteniet li:-

> ***"It-tielet ingredjent jesigi li dan il-vantagg jigi accettat in konnessjoni mal-kariga jew l-impieg tal-persuna korrotta. In subjecta materja, il-qorti jidhrilha opportun li jigi osservat il-lokuzzjoni xejn ristretta adoperata millligi. Kull ma hu necessarju hu li l-att in kwistjoni, relattiv ghal vantagg offert, ikun konness mal-funzjonijiet tal-impjegat, izda b'mod li jidhol flambitu tal-funzjonijiet tieghu, ghax huwa unikament f'dan il-kaz li jista' jigi***

> ***pregudikat l-interess generali. Fi kliem iehor l-att intiz irid ikun, 'an act of his office'......mhux necessarju li l-att tkun tali li jaqa' direttament fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu – imma huwa sufficjenti li jkun tali li, l-impjegat ikun jista' jaghmel fl-esercizzju tax-xoghol tieghu." .***

Illli f'sentenza moghtija fl-ismijiet **il-Pulizija vs Giuseppe Maria Cini** *(Qorti tal-Appell Kriminali; 28 ta' Marzu 2012)* b'referenza ghal dan l-element ta' dan ir-reat, il-Qorti kienet hasset illi ma kienx hemm l-accettazjoni tal-parti l-ohra u lanqas ma kien hemm xi forma ta' ftehim sabiex l-appellant jaghmel dak li ma messux jaghmel jew li huwa fid-dover li jaghmel u ghalhekk dan ir-reat kif dispost fl-Artikolu 115 ma jissustix. Din is-sentenza ghandha fatti simili hafna ghal kaz in ezami u dan ghaliex ma jirrizultax li effettivament l-imputat qatt talab ghal xi rigali, jew addirittura qatt ma wieghed li ser ikellem jew javvicina lil xi hadd fuq il-Bord li jiddeciedi fuq il-pensjoni tal-invalidita`. L-imputat fl-istatement tieghu kif ukoll viva voce l-Qorti jispjega illi seta' irceva xi rigali bhal xi tigiega jew fenek izda dawn kienu jintbaghtu bhala sens ta' apprezzament minn xi nies di buona volonta` taghhom u mhux ghax kien jghidilhom hu. Dak li hareg mill-provi hu li l-imputat dejjem agixxa fil-limiti tad-doveri tieghu li jaqdi lin-nies u ma ngabet l-ebda prova li hu avvicina lil xi membru ta' dan il-Bord ghal xi aggudikazzjoni ghaliex huwa qatt ma kellu rwol fi hdan dan il-Bord tal-penzjonijiet tal-invalidita`.

Illi a rigward ir-raba' element ta' dan ir-reat, jigi rilevat li l-offerta jrid ikollha l-iskop li tinduci lill-ufficjal pubbliku li jaghmel haga li m'ghandux x'jaghmel. Fl-

ewwel ipotesi, meta l-ufficcjal pubbliku jaghmel id-dover tieghu in kontro kambju ghal xi vantagg il-**<u>Professur Mamo</u>** jghid hekk:

> ***"..the law wants to protect the integrity of the public service and the prestige of the judiciary which are harmed in the esteem which they should enjoy by any improper reward received even though it is not intended to injure materially the interests of the individual or the interest of Justice."***

It-tieni ipotesi hija meta r-rigal jew kull haga li tinghata lill-ufficjal pubbliku sabiex ma jaghmilx id-dover tieghu l-**<u>Professur Mamo</u>** jghid hekk:

> ***"that there is in addition to the injury to the good name of the service also the danger of actual injury to the right of the individuals or of justice and the law takes account of this for the purpose of aggravating the punishment."***

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Alfred Demicoli</u>** *(Qorti tal-Appell Kriminali; 2 ta' Mejju 1985)* il-Qorti irriteniet li:

> ***"b'referenza ghar-raba' element ghandu jigi stabbilit jekk l-ufficjal pubbliku hax il-flus bl-iskop jew li jaghmel dak li huwa fid-dover li jaghmel jew li jonqos li jaghmel dak li hu fid-dover li jaghmel. Id-differenza fil-prattika tirrigwarda l-piena li ghandha tigi applikata."***

Ghaldaqstant johrog car illi sakemm ma jkunx hemm ftehim minn qabel il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu.

Illi fil-kaz in ezami l-imputat semplicement ghamel dak li kellu jaghmel u apparti li l-prova tal-weghda ma gietx bl-ebda mod stabbilita bil-provi, u apparti

l-fatt illi huwa bl-ebda mod ma kellu xi rwol fl-aggudikazzjoni ta' xi pensjoni tal-invalidita` tant hu hekk illi dawn in-nies l-ewwel kellhom jghaddu minn process ta' fejn kienu jahdmu billi jmorru ghand tabib ghac-certifikati opportuni, imbaghad jghaddu mill-gharbiel ta' dan il-Bord. Illi ma gie bl-ebda mod ippruvat xi tip ta' kolluzjoni bejn xi tabib jew bejn xi membru ta' dan il-Bord.

Fil-fatt il-process tant kien burokratiku kif jispjega l-imputat stess fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' April 2013:

> ***« Mela l-ewwel haga kif kien jigi quddiemi dan il-bniedem kont nghidlu ezatt x'ghandu jaghmel, cioe' l-ewwel nies irid ikun ma jiflahx veru biex jghaddi bord imbaghad jekk huwiex jew le hija kompetenza tat-tobba li jaraw u kont nibda biex nghidlu x'ghandu x'jaghmel. Cioe' jibda jaghmel certifikati wiehed kull xahar. Wara erba' (4) gimghat imbaghad irid japplika ghall-Bord tal-Invalidita', applikazzjoni. Hafna drabi dawn in-nies kienu jigu ghandi bl-applikazzjoni u jiena nghinhom jimluha ghax kont insib li ninety nine percent (99%) minn dawn in-nies. . . .'.***

Illi ghalhekk jidher car illi r-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku sancit mill-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 ma giex ippruvat stante kif inghad hawn fuq l-elementi kollha iridu jikkonkorru u subordinatament ugwalment l-Artikolu 112 tal-Kapitolu 9 ma giex ippruvat stante li ma gewx ippruvati oltre d-dubju dettat mill-ligi la xi tip ta' arrangament bejn l-imputat u Saverin Sinagra ghal xi weghda, flus jew vantagg iehor u l-anqas ma gie ppruvati t-tielet u r-raba' elementi tar-reat ta' korruzzjoni ghaliex l-imputat dejjem ghamel dak li kien fid-dover li jaghmel.

Ghalhekk dawn ir-reati ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku u ta' ezazzjoni ta' flus b'mod qarrieqi ma jirizultawx ippruvati.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 23A u 23B fejn ikun hemm konfiska skond l-Artikolu 5 tal-Money Laundering Act (Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk stante li l-imputat ma nstabx hati tar-reati addebitati lilu mhix ser tordna l-ebda konfiska fuq il-proprjeta` mobbli u immobbli tieghu.

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll lill-Qorti sabiex f'kaz ta' htija tordna l-interdizzjoni generali perpetwa jew interdizzjoni generali specjali bhala parti mill-piena ai termini tal-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema talba wkoll qed tigi respinta stante li l-imputat qed jigi liberat minn kull akkuza.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 18 u 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 17, 18, 31, 23A, 23B, 119, 121 u 533 tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tiddikjara li ma ssibx lill-imputat **Thomas John Woods** hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**